FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

2 ta' Dicembru 2014

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

## Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana

Il-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana nzammet **nhar il-Tlieta 2 ta` Dicembru 2014 fl-4.30pm** L-agenda ghal din il-laqgha kienet din :-

1. Evalwazzjoni ta` Offerti:
   Tender FLC/T/4/14 – Upgrading of Pjazza Sir Luigi Preziosi

Ghal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **s-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris u l- Kunsillier Vincent Borg, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv**

**Il-Kunsillieri Davina Sammut Hili, u Edward Torpiano ma kienux prezenti**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

1. **Evalwazzjoni ta` Offerti:**
Tender FLC/T/4/14 – Upgrading of Pjazza Sir Luigi Preziosi

1.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi irrimarka li giet sottomessi offerta wahda, minghand V&C Contractors Ltd.

1.2 Is-Sindku qal li l-prezz sottomess dan jidher li hu hafna iktar gholi minn dak li stma il-Perit tal-Kunsill.

1.3 Il-Kunsill qabel li din l-istima hija gholja wisq. Il-Kunsillier Vince Borg zied jghid li iktar u iktar meta din l-ispiza tirrifletti pjazza biex jipparkjaw il-karozzi.

1.4 Ghalhekk is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni sabiex din l-offerta ma tigix accettata, minhabba li l-istima hija gholja wisq u qabzet sostanzjalment l-istima tal-perit tal-Kunsill., issekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (NH, MP, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

1.5 Is-Sindku propona li l-Kunsill ghandu jitkellem mal-perit sabiex jevalwa r-rizultat, u johrog b'soluzzjoni ohra, jekk hemm bzonn anke li jinbidel il-materjal, u sussegwentament terga tohrog l-offerta.

1.6 Il-Vici SIndku ippropona ukoll li fuq l-offerta jitnizzel *l-estimated value* tal-perit sabiex l-offerti ikunu iktar konxji. Is-Sindku qal li din tista tohloq diffikulta ghax offerent jista jgholli il-prezzijiet sabiex jilhaq ma dawk l-estimi

1.7 Il-Kunsill qabel li fi kwalunkwe kaz, l-offerta ghanda terga johrog b'urgenza.

Il-laqgha ntemmet fis-16.40 pm .

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv